# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju, 2001**

**Numru 7**

**Cit. Nru. 537/93 NA**

**Arthur, Pantaleone, u b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2000, stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Pantaleone Vella, l-atti gew trasfuzi f'isem uliedu Dr. Joseph, Anna mart it-tabib Raymond Fenech, Perit Godfrey, Mark, Tabib Denis u Avukat Dr. Robert ahwa Vella Baldacchino, Frederick, Marie Therese mart Frank Fenech u l-avukat Dottor Louis, ahwa Vella, l-imsemmi Frank Fenech bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u martu fuq imsemmija, l-imsemmi Frederick Vella bhala mandatarju ta' l-assenti ohtu Matilde mart Walter Simler u ta' l-istess Walter Simler ghal kull interess li jista' jkollu, u l-imsemmi Avukat Dottor Louis Vella bhala mandatarju ta' l-assenti ohtu Josephine mart Sidney Cass u ta' l-istess Sidney Cass ghal kull interess li jista' jkollu.**

**vs**

**Kevin, Lorenza sive Lorraine u Alexander ahwa Briffa**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"Peress illi l-konvenuti, kif jirrizulta mis-sentenza fl-istess ismijiet (Avviz Numru 297/91/GV) tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar, 1992 (Dok A), okkupaw il-fond proprjeta' ta' l-atturi, 10 St. Francis Street, Floriana, bla ebda titolu validu fil-ligi ghall-perijodu mill-1 ta' Mejju, 1987 sal-5 ta' Novembru, 1991 (meta l-atturi effettivament hadu lura l-pussess ta' l-imsemmi fond);

Peress illi l-atturi ghandhom dritt ghad-danni kontra l-istess konvenuti "in solidum" ghall-okkupazzjoni illegali fuq riferita;

Peress illi, ghalkemm debitament interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni in kwistjoni, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli "in solidum" ghall-okkupazzjoni abusiva u illegali tal-fond proprjeta' ta' l-atturi 10, St. Francis Street, Floriana, mill-1 ta' Mejju, 1987, sal-5 ta' Novembru, 1991;

2) tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' perit nominand, id-danni ta' okkupazzjoni dovuti lill-atturi;

3) tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" biex ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidat in linea ta' danni kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 1992 u ta' l-ittra interpellatorja tat-18 ta' Marzu, 1992, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

**Eccezzjonijiet tal-konvenuti**

Il-konvenuti hekk eccepew ghat-talbiet attrici:-

"1. Fl-ewwel lok hemm il-preskrizzjoni ghal kull perijodu sat-22 ta' Gunju, 1990. Stante illi ma hemm l-ebda ittra ufficjali ghall-interpellazzjoni ghad-danni;

2. Fit-tieni lok illi l-fond de quo kien taht requisition order u ghalhekk il-pussess effettiv kien f'idejn is-Segretarju tad-Djar, jew is-Segretarju ghall-Akkommodazzjoni Socjali u dana in forza tal-Ligi;

3. Illi l-esponenti kkonsenjaw ic-cwievet appena s-Segretarju ghall-Akkomodazzjoni Socjali nehha r-requisition order u fuq dik il-bazi ma kienx hemm izjed il-periklu ghall-eccipjenti illi jiksru l-ligi;

4. Illi fil-meritu l-konvenuti kollha ilhom illi telqu mill-post minn April 1987 f'liema data kienet mietet in-nanna taghhom Carmela Briffa;

5. Illi fi kwalunkwe kaz il-post kien okkupat minn Carmela Briffa u l-eredi taghha ma humiex il-konvenuti odjerni".

Fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-konsulent legali tal-konvenuti ddikjara fil-verbal tat-18 ta' Ottubru, 1993, quddiem l-ewwel Qorti li kien qed jinvoka l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2153 tal-Kap 16.

**<u>Decizjoni in parte</u>**

B'sentenza tad-9 ta' Dicembru, 1993, il-Qorti Civili Prim'Awla cahdet l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Din is-sentenza ma gietx appellata, la fiz-zmien statutorju meta nghatat, u lanqas fl-appell mis-sentenza finali

taht ezami. Il-Qorti kellha tqis li dik is-sentenza in parte ghaddiet in gudikat.

**Decide**

B'sentenza finali tal-15 ta' Ottubru, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi:- (1) iddikjarat illi l-konvenuti kienu responsabbli in solidum ghall-okkupazzjoni abuziva u llegali tal-fond proprjeta' ta' l-atturi - 10, St. Francis Street, Floriana - mill-1 ta' Mejju, 1987 sal-5 ta' Novembru, 1991' u (2) illikwidat il-kumpens u danni dovuti lill-atturi fl-ammont ta' Lm766.87 kif likwidat mill-Perit Tekniku, mqabbad mill-istess Qorti; u (3) ikkundannat lill-konvenuti in solidum biex ihallsu l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni lill-atturi, bl-ispejjez.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

Din il-Qorti ser tirriproduci l-motivazzjoni kollha ta' l-ewwel Qorti ghas-sentenza appellata, ghaliex din tinkwadra sewwa l-mertu taht ezami li ta lok ghall-appelli taht konsiderazzjoni.

> "Ikkunsidrat:
>
> Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar it-talbiet attrici kif ribattuti bl-eccezzjonijiet tal-konvenuti w effettivament ghal zmien twil dan il-hsieb kwazi wassalha biex tabbraccja l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u dana fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qrati

taghna li gew minnha ezaminati fid-dettall. (Hekk, fost ohrajn, "Soler et vs Scicluna" - Appell Civili - 26/11/86; "Vella et vs Segretarju tad-Djar et" - Appell Civili - 30/12/93; "Cassar vs Zammit nomine" - Appell Civili - 29/5/59; "Gauci et vs Mizzi nomine" - Qorti ta' l-Appell - 19/5/47).

Ezami aktar akkurat tal-process, pero', jindika illi dan l-iter kien ikun wiehed zbaljat ghar-ragunijiet segwenti:

**1.** Ma jirrizultax illi sar appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Jannar 1992. Ghall-finijiet tal-ligi ghalhekk dik is-sentenza ghaddiet in gudikat bejn il-partijiet u tistabilixxi, fil-konfront taghhom, stat ta' fatt u ta' dritt li seta' biss gie mibdul bir-rimedju ordinarju ta' l-Appell jew b'dak straordinarju tar-Ritrattazzjoni. Dan l-istat fattwali/legali ma jistax issa jigi ddisturbat minn din il-Qorti u kien ghalhekk, illi gustament l-atturi fil-premessi ta' din ic-citazzjoni proprju bdew dawn il-premessi billi ccitaw is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Jiswa ghalhekk illi wiehed jara ezattament x'gie stabbilit b'din is-sentenza u dan billi l-ewwel tigi kkwotata l-parti Preliminari li tinkorpora t-talbiet attrici f'dik il-kawza u, it-tieni, u forsi aktar rilevanti billi tigi kkwotata d-decide.

"***Preliminari***

*Rat l-avviz ghall-kundanna tal-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jizgumbraw mill-fond 10, St. Francis Street, Floriana, li huma qed jokkupaw bla ebda titolu legali. B'riserva ta' l-azzjoni tad-danni ta' okkupazzjoni ghall-perjodu mill-1 ta' Mejju 1987 sal-effettiv zgumbrament ......*"

"***Decide***

*Jirrizulta mill-provi wkoll li r-R.O. inharget fuq Carmela Briffa li kellha ordni biex titlaq ic-cwievet lid-Dipartiment immedjatament. Dana ma sarx u minflok dahlu l-konvenuti u ma rritornawx ic-cwievet. Konsegwentement l-atturi kienu intitolati li jagixxu kontra l-konvenuti Briffa u biex jipprezentaw l-avviz odjern ghal izgumbrament.*"

Jirrizulta ghalhekk minn din is-sentenza, minkejja illi l-Qorti tal-Magistrati kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-meritu stante illi sad-data tas-sentenza dan kien gie ezawrit, illi l-konvenuti kienu qeghdin jokkupaw il-fond bla ebda titolu;

**2.** Jirrizulta pero' wkoll illi r-requisition order li giet notifikata lil Carmela Briffa fil-11 ta' Marzu 1987 tatha struzzjonijiet sabiex tiehu c-cwievet immedjatament lid-Dipartiment tal-Housing. Huwa veru li Carmela Briffa mietet ftit wara u forsi kien ghalhekk li dan ma setax sar minnha. Seta' pero' sar mill-konvenuti li minkejja dan u minkejja diversi diskussjonijiet mas-sidien zammew ic-cavetta f'idejhom u ghalhekk ghal kull buon fini l-pussess tal-fond. Effettivament jirrizulta illi kienu l-istess konvenuti li eventwalment irritornaw ic-cwievet lis-sidien b'Nota ipprezentata fil-Qorti. L-obbligu, inveve, tal-konvenuti kien li jghaddu c-cavetta lis-Segretarju tad-Djar jew jiddepozitawha l-Qorti u dana partikolarment, ghax ir-"Requisition Order" li inharget ma nhargitx favur taghhom. Huma ghalhekk ma setghux jibbenefikaw mill-provvedimenti tal-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta w ir-relazzjoni taghhom mas-sidien ma kienitx regolata b'dan l-Att. Ghazlu minflok u minkejja l-ordni li inghatat mid-Dipartiment tal-Housing lin-nanna taghhom biex izommu l-pussess tac-cavetta. Pussess li ma kellhom ebda dritt ghalih la bi ftehim mas-sidien u lanqas taht il-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-pussess taghhom kien abbusiv u llegali u jikkostitwixxi okkupazzjoni bla ebda titolu legali kif definit mis-sentenza fuq citata. Konsegwenza ta' din l-okkupazzjoni bla titolu huwa dovut kumpens b'forma ta' danni lill-atturi, riserva li "del resto" huma kienu ghamlu quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti mhumiex sostenibbli w it-talbiet attrici huma legalment gustifikati.

Dwar il-quantum tal-kumpens il-Qorti jidhrilha illi l-ammont likwidat mill-Perit Tekniku huwa wiehed gust. Apparti mill-fatt illi fejn si tratta ta' materja teknika din il-Qorti ma tantx thobb tiddisturba l-parir tekniku lilha moghti wiehed irid jikkonsidra illi mill-banda l-wahda l-ammont ta' kera minnu likwidat mhuwiex fil-granet tal-lum xi wiehed esagerat u f'din il-likwidazzjoni kif legalment u korrettament isostnu l-atturi wiehed ma ghandux jimxi bi kriterji tal-Bord tal-Kera. Mill-banda l-ohra l-fond kien mikri qabel bhala abitazzjoni u ma ingabet ebda prova dwar il-valur kummercjali tieghu jew li seta' facilment jinkera bhala tali. Huma dawn il-principji li ghandhom jiggwidaw lill-Qorti u mhux l-ispekulazzjoni ta' x'seta' gara”.

## Appelli

Infatti minn din is-sentenza appellaw principalment il-konvenuti, u incidentalment l-atturi. L-appell incidentali jirrigwarda l-quantum ta' danni ghall-okkupazzjoni maghmula fis-sentenza appellata li l-appellati jsostnu kellu jigi kalkolat fuq bazi ta' rata kummercjali ta' kera. Il-quantum tad-danni hu wkoll wiehed mill-aspetti fl-aggravju tal-konvenuti fl-appell principali. Dan l-aspett tal-vertenza naturalment jiddependi mid-determinazzjoni tal-mertu principali, u cioe', minn dik il-parti tas-sentenza appellata li taddebita lill-konvenuti bir-responsabilita' ghall-hlas ta' danni ghall-okkupazzjoni bla titolu legali u dana fil-konfront ta' l-atturi appellati. Hu dan l-aspett li kellu jigi qabel xejn determinat.

## Il-fatti

Il-fatti qabel xejn kif jarawhom l-appellanti huma hekk minnhom inkwadrati. Il-fond de quo kien mikri lin-nanna taghhom Carmela Briffa, illum mejta, mill-atturi appellati bil-kera ta' Lm10 fis-sena. Fil-11 ta' Marzu, 1987, il-post gie rekwizizzjonat u b'dana giet notifikata l-istess inkwilina Carmela Briffa, li, gimghatejn wara li harget l-imsemmija Requisition Order, mietet. Ic-cwievet tal-post gew f'idejn missier il-konvenuti appellanti Alfred Briffa li, skond kif xehed hu, meta mar l-Awtorita' tad-Djar, qalulu biex izomm ic-cavetta huwa u ma jitlaqhiex

minn idejh. Dan Briffa jsostni li huwa nforma lis-sidien b'din ir-Requisition Order li, min-naha taghhom, ezigew ic-cavetta lura. Dan Alfred Briffa jghid li hu kien gie moghti struzzjonijiet mid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali biex ma jirritornax ic-cavetta u ghalhekk zammha. Il-konvenuti appellanti jichdu li huma qatt kienu qed jokkupaw l-imsemmi fond wara l-mewt tan-nanna taghhom u jiddikjaraw li huma kienu ilhom li telqu mill-post minn April, 1987, ghalkemm uhud minnhom baqghu registrati fuq dak l-indirizz ghal xi zmien. Inoltre huma ma kienux l-eredi tal-mejta Carmela Briffa, u ghalhekk it-talbiet fil-konfront taghhom kienu insostenibbli. Ic-cavetta tal-fond de quo kienet giet depozitata that l-awtorita' tal-Qorti, fl-atti tal-kawza li kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Malta, fl-istess ismijiet, u dana sehh kif tnehhiet ir-Requisition Order fl-1991.

Infatti ghalkemm l-atturi appellati kienu istitwew proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Malta, ghall-izgumbrament taghhom mill-fond, dik il-kawza qatt ma kienet giet deciza fil-mertu, ghaliex ic-cavetta tal-post kienet giet depozitata l-Qorti u allura l-mertu kien gie ezawrit.

Dawn il-fatti kienu sostanzjalment veri ghalkemm naturalment l-appellati jikkontestaw uhud minnhom, fosthom li wara l–mewt tan-nanna uhud mill-konvenuti baqghu jaghmlu uzu mill-fond de quo. Almenu kien hemm prova li l-voti taghhom jew uhud minnhom kienu registrati fuqu

ghal xi zmien. Isostnu wkoll illi c-cavetta tal-fond giet effettivament depozitata mill-konvenuti fil-kors tal-proceduri istitwiti kontra taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kontestazzjoni dwar il-fatti da parti ta' l-appellati ma kellhiex, pero', fil-fehma tal-Qorti, tincidi b'mod determinanti fuq il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li din il-Qorti jidhrilha opportun li taghmel fid-dawl tal-konsiderandi tas-sentenza appellata, tenut kont ukoll ta' l-aggravju tal-konvenuti appellanti. Dana hlief ghac-cirkostanza jekk, bhala fatt, kienx gie provat illi l-fond, mill-mument tal-mewt ta' Carmela Briffa sal-mument tal-konsenja tac-cwievet lill-appellati, kienx jew le materjalment okkupat mill-appellanti jew uhud minnhom. Dana ghaliex din ic-cirkostanza tincidi fuq l-eccezzjoni ta' l-appellanti li huma ma kienux il-legittimi kontradituri ta' l-atturi billi jsostnu illi f'kull kaz l-azzjoni kellha tkun diretta kontra missierhom Alfred Briffa li kien l-eredi ta' ommu, Carmela Briffa, l-ahhar inkwilina tal-fond, fil-mument meta gie rekwizizzjonat. L-appellanti ma kienux l-eredi taghha, u dan mhux kontestat.

Dan apparti l-konsiderazzjonijiet l-ohra li jemergu mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 – L-Att dwar id-Djar – u ta' l-effetti guridici ta' l-Ordni ta' Rekwizizzjoni. Dan ghaliex hu pacifiku illi l-ammont ta' danni ghall-okkupazzjoni li l-atturi appellati qeghdin f'din l-istanza jippretendu, ikopri unikament iz-zmien li fih il-fond de quo kien kopert b'ordni ta'

rekwizizzjoni valida. Mhux kontestat li appena harget l-ordni ta' de-Rekwizizzjoni c-cavetta giet ritornata lill-atturi qua sidien.

Din il-Qorti tinnota li hemm ukoll element ta' prova li s-sentenza appellata tinjora illi filwaqt li hu minnu li l-ordni ta' rekwizizzjoni notifikata lil Carmela Briffa kienet tordnalha biex tirritorna c-cwievet minnufih lid-Dipartiment tad-Djar, tali ordni certament ma kienetx intiza biex il-fond jigi ritornat lis-sidien. Ghall-kuntrarju jidher li kien mahsub illi l-fond jigi allokat lil terzi, u kien f'dan l-isfond li saru sforzi wkoll minn missier il-konvenuti biex il-fond jigi allokat lil xi wiehed mill-konvenuti uliedu. Il-fond gie eventwalment dekontrollat in linea dwar politika tal-Gvern ta' allura illi kull fejn kien possibbli jnehhi l-proprjeta' mill-effetti ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni,u jilliberaha favur s-sidien.

Din il-Qorti allura ma tistax taqbel mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-atturi appellati kienu pregudikati mill-fatt illi l-konvenuti appellanti u l-awtur taghhom ma kienux irritornaw ic-cavetta minnufih lis-Segretarju tad-Djar hekk kif harget l-ordni ta' rekwizizzjoni. Dana propju ghaliex ma tirrizultax il-prova li s-Segretarju tad-Djar kien intenzjonat illi, una volta jiehu lura l-post mill-poter ta' l-inkwilin, dan kien ser jghaddih lill-atturi sidien. Apparti dan, kien se mai jispetta lis-Segretarju tad-Djar illi tempestivament jagixxi kontra l-appellanti biex jikkonsenjawlu c-cwievet "minnufih" kif kien ordna. Il-fatt li dan ma ghamlux jaghti sostenn lit-tezi

ta' l-appellanti illi l-istess Awtorita' kompetenti kienet iddiffidat lil missier il-konvenuti milli jiddisponi mic-cwievet tal-fond u intimawh biex izommhom sakemm jigi dirett jaghmel mod iehor.

F'dan il-kontest din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi d-detentur tac-cwievet tal-fond, sew jekk materjalment kien missier l-appellanti, kif ukoll jekk, kif jippretendu l-appellati, kienu l-istess appellanti, ma seta' qatt ikun f'pozizzjoni illi jirritornaw ic-cwievet tal-fond lill-istess atturi sidien, sakemm kienet ghadha in vigore l-ordni ta' rekwizizzjoni. Huwa seta' biss jikkonsenja ic-cwievet lill-awtorita' kompetenti ghaliex kienet din u din biss li kellha d-disponibilita' shiha tal-fond rekwizizzjonat. L-ordni ta' rekwizizzjoni in effetti ezawtorat lill-atturi sidien mill-pussess tal-proprjeta' taghhom u minn kull jedd ghall-amministrazzjoni ta' l-istess. Hu pacifiku fil-gurisprudenza li "ir-rekwizizzjoni tispossessa lis-sid tal-fond u ghalhekk il-pussess tal-fond u tad-disponibilita' tieghu ma jibqghux aktar f'idejn is-sid izda jghaddu f'idejn l-amministrazzjoni pubblika. Mar-rekwizizzjoni tinholoq relazzjoni sui generis bejn is-Segretarju tad-Djar u l-persuna li lilha jinghata l-fond" (Vol LXX, P. II, p.227). .

Gustament l-appellanti jirrilevaw illi d-definizzjoni ta' rekwizizzjoni fil-Kap 125 hi "<u>it-tehid ta' pussess ta' bini</u> jew il-htiega li bini jithalla f'idejn Awtorita' li tohrog ir-rekwizizzjonijiet". Una volta l-atturi fiz-zmien

rilevanti ma kellhomx il-pussess legali tal-fond, u ma kellhomx relazzjoni guridika mal-persuna jew persuni li kienu qeghdin jokkupawh materjalment, huma ma kellhomx locus standi biex jippromwovu azzjoni biex jitolbu danni ghall-okkupazzjoni allegatament abuziva tal-fond taghhom. Huma setghu biss, u kellhom biss id-dritt li jagixxu kontra l-awtorita' kompetenti biex din taghmel tajjeb ghall-hlas ta' kumpens skond kif kien jipprovdi fiz-zmien rilevanti l-Att dwar id-Djar ghal tul il-perjodu bejn meta nharget l-ordni ta' rekwizizzjoni u meta nharget l-ordni ta' de-rekwizizzjoni. Dan il-principju kien japplika anke jekk u fejn il-fond kien, fil-mument meta gie rekwizizzjonat, diga' mikri lil terzi.

Dan iwassal ghall-konkluzzjoni suggerita mill-appellanti illi kien semai s-Segretarju tad-Djar li kien ikollu interess guridiku biex jipprocedi kontra l-konvenuti talli dawn kienu allegatament qed jokkupaw il-fond de quo minnu amminisrat minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Dan proprju ghaliex tali okkupazzjoni abuziva kienet tippregudika l-pussess legali li hu kellu tal-fond imma ma kienet qatt setghet tippregudika lis-sidien appellati li kienu fl-ahhar mill-ahhar garantiti bil-hlas tal-kumpens stabbilit bil-ligi u lilhom dovut mill-awtorita' kompetenti.

L-istess argument japplika fir-rigward tat-talba ta' l-atturi fil-prezenti istanza biex il-konvenuti jigu ritenuti responsabbli ghall-hsarat allegatament riskontrati fil-fond. Il-ligi nfatti tesigi li kien is-Segretarju

tad-Djar li kien tenut ihallas kumpens lis-sid ghad-danni ta' din ix-xorta li jirrizultaw fil-perjodu ta' rekwizizzjoni. Dan expressis kif provdut fl-art. 11 tal-Kap 125. L-istess Segretarju tad-Djar kien obbligat ihallas ghal kull hsara li setghet issir matul il-perjodu ta' rekwizizzjoni propju ghaliex ir-relazzjoni guridika li tinholoq bhala konsegwenza ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni, kienet bejn is-sid u l-awtorita' kompetenti. Dana sakemm is-sid ma jkunx gie obbligat jirrikonoxxi lill-persuna li lilha jkun gie allokat il-fond bil-procedura stabbilita fl-istess ligi jew sakemm is-sid ma jkunx volontarjament dahal f'relazzjoni guridika diretta ta' inkwilinat ma' dik il-persuna.

Din it-tieni eccezzjoni ta' l-appellati allura tirrizulta ben fondata u din il-Qorti ma tarax illi l-ewwel Qorti setghet tinjora l-validita' taghha meta hi msejjsa fuq ligi specjali li tirregola propju sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. L-atturi appellati jinsistu li l-azzjoni taghom hi msejsa fuq gudikat tal-Qorti tal-Magistrati, Malta, li ddikjara illi l-konvenuti okkupaw il-fond de quo bla ebda titolu validu fil-perjodu li ghalih qed jitolbu d-danni gall-okkupazzjoni. Anke hawn pero' din il-Qorti hi tal-fehma illi l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata rigward din il-premessa wassluha ghall-konkluzzjoni erroneja dwar l-effett li dik is-sentenza li, kif sewwa inghad, ghaddiet in gudikat, seta' kellha fuq il-mertu ta' din il-kawza. Infatti, jirrizulta minn qari akkurat ta' dik is-sentenza li anke f'dik il-kawza il-konvenuti ssottomettew li huma ma kellhomx ibatu l-ispejjez

tal-kawza billi sakemm kien hemm ir-requisition order vigenti, huma ma setghux jirritornaw ic-cwievet lill-atturi bhala sid, u kien biss wara id-de-requisition order li huma setghu jaghmu dan, kif fil-fatt ghamlu.

Din l-eccezzjoni li in effetti tirrifletti dak li din il-Qorti sa issa kkonsidrat, ma giet bl-ebda mod vestita u deciza mill-Qorti tal-Magistrati. Dik il-Qorti nfatti kkonsidrat illi billi r-requisition order kienet inharget fuq Carmena Briffa (li, kif inghad, hi semai l-awtrici ta' binha Alfred Briffa, imma mhux tal-konvenuti odjerni) li kellha l-ordni biex titlaq ic-cwievet lid-Dipartiment immedjatament, u dan ma sarx, u minflok dahlu l-konvenuti u ma rritornawx ic-cwievet, l-istess atturi kienu intitolati li jagixxu kontra l-konvenuti Briffa billi jipprezentaw l-avviz ghall-izgumbrament. Fuq din il-konsiderazzjoni l-Qorti tal-Magistrati ddekretat li l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mill-konvenuti Briffa. Dik il-konsiderazzjoni pero' ma tinvestix l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti, ma ddecidiet bl-ebda mod illi l-konvenuti kellhom l-obbligu li jiritornaw ic-cwievet tal-fond lill-atturi <u>sakemm kienet vigenti l-ordni tar-rekwizizzjoni</u> u lanqas li setghu hekk jaghmlu skond il-ligi li kieku riedu jaccedu ghat-talba ta' l-atturi. Dik is-sentenza lanqas fiha dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu qed jokkupaw il-post abuzivament fil-<u>konfront ta' l-atturi</u> ghax il-mertu tal-kawza ma gie bl-ebda mod investit u, infatti, it-talba attrici f'dik il-kawza kif dedotta fl-avviz ma gietx milqugha.

Inoltre, fil-konsiderandi taghha, il-Qorti tal-Magistrati rrilevat li l-atturi ssottomettew li l-konvenuti Briffa qatt ma kienu nformawhom li kien hemm requisition order. Apparti l-fatt illi dwar dawn hemm kontestazzjoni u l-prova xejn m'hi cara, din ic-cirkostanza hi fil-ligi ghal kollox irrilevanti. Infatti mill-provi prodotti jirrizulta li s-sidien qatt ma gew informati mid-Dipartiment tal-Housing li kien hemm requisition order fuq il-post taghhom, bl-ebda mod ma kien fil-ligi jaffettwa l-validita' u l-effikacja ta' l-istess requisition order. Din kienet torbot u taghmel stat fil-konfront tal-konvenuti u ta' l-istess Dipartiment. Guridikament allura ma kienx possibbli ghall-atturi li jipproponu l-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex jitolbu l-izgumbrament tal-konvenuti meta talbuh, ghax anke f'dik il-kawza ma kellhomx locus standi u interess guridiku billi kien id-Dipartiment tad-Djar li kellu l-pussess legali tal-fond de quo. Dan ghall-istess ragunijiet fuq espressi fir-rigward tal-prezenti istanza. Dan il-mertu wkoll ma giex vestit mill-Qorti tal-Magistrati illi dehrilha biss li, fic-cirkostanzi, kien gust illi l-ispejjez tal-kawza jigu akkollati lill-konvenuti.

Din il-Qorti ma tarax pero' illi din id-decizjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez kienet konsegwenzjali ghal decizjoni fil-mertu tat-talbiet ta' l-atturi u ta' l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti li ma gewx investiti mill-Qorti tal-Magistrati. Kienet biss naturalment suggerita mic-cirkostanzi fattwali li dik il-Qorti kienet intitolata taghmel, imma li bl-ebda mod ma

jippregudika il-prezenti istanza. Dan ukoll, ghaliex anke jekk kellu jigi accettat li l-konvenuti kienu qeghdin jokkupaw il-fond bla ebda titolu, din il-konstatazzjoni ma setghetx issir fil-konfront tas-sidien li sakemm kienet tipperdura l-ordni ta' rekwizizzjoni ma kellhomx id-disponibilita' tal-fond u ma setghux allura jarbitraw dwar min kellu jew ma kellux titolu ghall-okkupazzjoni tieghu. L-abuzivita' ta' l-okkupazzjoni ma setghetx tippregudika allura lis-sidien imma kienet tippregudika biss lill-Awtorita' li kellha l-pussess u l-godiment tal-fond. Dan apparti l-kwistjoni, kif inghad, li hu stabbilit illi f'kull kaz il-persuna li setghet titqies li ssubentrat ghad-drittijiet ta' l-inkwilina Carmela Briffa meta din mietet, kien binha Alfred Briffa missier il-konvenuti u mhux l-istess konvenuti.

Din il-Qorti allura ma tarax in-ness bejn l-allegat agir abuziv tal-konvenuti appellanti u d-danni allegatament sofferti mill-atturi u ma tirrizultax ir-rabta ta' kawza u effett mehtiega biex teradika r-responsabilita' ta' l-appellanti ghal dawn id-danni, li, f'kull kaz, ma jistghu qatt jeccedu matul iz-zmien li kienet in vigore l-ordni ta' rekwizizzjoni, dak li skond l-istess Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta kien lilhom dovut kumpens ghall-okkupazzjoni.

Din il-Qorti ssib allura li l-appell principali hu sostnut u jimmerita li jigi milqugh u mhux il-kaz allura li tinoltra ruhha f'aspetti ohra li jirrigwardaw il-quantum tad-danni sollevati bhala lment fl-istess appell principali u bhala l-mertu ta' l-appell incidentali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej. Tichad l-appell incidentali ta' l-atturi u tilqa' l-appell principali tal-konvenuti. Konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

mm